

21.5.2013

B7-0198/8

**Emenda 8**

**Franziska Keller**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**B7-0198/2013**

**David Martin, Vital Moreira**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-ristabiliment tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 978/2012 tal-25 ta' Ottubru 2012<sup>1</sup> li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati mill-1 ta' Jannar 2014,*

---

<sup>1</sup> *ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1.*

Or. en

21.5.2013

B7-0198/9

**Emenda 9**

**Franziska Keller**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**B7-0198/2013**

**David Martin, Vital Moreira**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-ristabiliment tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*– wara li kkunsidra l-Istrateġija bejn il-Mjanmar u l-ILO għat-tneħħija tax-xogħol furzat sal-31 ta' Diċembru 2015, kif approvat mill-awtoritajiet tal-Mjanmar fil-5 ta' Lulju 2012,*

Or. en

21.5.2013

B7-0198/10

**Emenda 10**

**Franziska Keller**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**David Martin, Vital Moreira**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-ristabiliment tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**B7-0198/2013**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Kunsiderazzjoni 8**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

– wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU tat-**25 ta' Settembru 2012** dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f' Burma/il-Mjanmar,

*Emenda*

– wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU tas-**6 ta' Marzu 2013** dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f' Burma/il-Mjanmar,

Or. en

21.5.2013

B7-0198/11

**Emenda 11**

**Franziska Keller**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**B7-0198/2013**

**David Martin, Vital Moreira**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-ristabbiliment tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa A**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

A. billi s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f' Burma/il-Mjanmar tibqa' għadha fraġli minkejja l-passi li qed jieħu l-gvern tal-President Thein Sein;

A. billi s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f' Burma/il-Mjanmar tibqa' għadha fraġli *u ta' tħassib* minkejja l-passi li qed jieħu l-gvern tal-President Thein Sein;

Or. en

21.5.2013

B7-0198/12

**Emenda 12**

**Franziska Keller**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**B7-0198/2013**

**David Martin, Vital Moreira**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-ristabiliment tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa E**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

E. billi skont *l-istimi* tal-ILO, in-numru ta' suldati tfal fil-Mjanmar/Burma għadu ta' madwar 5 000;

E. billi skont *l-ILO, għadhom qegħdin jintużae prattiki ta' xogħol furzat u* n-numru ta' suldati tfal fil-Mjanmar/Burma għadu ta' madwar 5 000;

Or. en

21.5.2013

B7-0198/13

**Emenda 13**

**Franziska Keller**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**B7-0198/2013**

**David Martin, Vital Moreira**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-ristabiliment tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Fa (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*Fa. billi f'Marzu 2013, il-Kunsill tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Mjanmar, li tilqa' l-iżviluppi pożittivi kontinwi fil-pajjiż, iżda li tesprimi tħassib dwar firxa wiesa' ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali li għadhom qed iseħħu, u li tesprimi tħassib serju dwar is-sitwazzjoni fl-istati ta' Rakhine u Kachin; billi din ir-riżoluzzjoni kienet ippreżentata mill-UE u kienet adottata b'kunsens sħiħ;*

Or. en

21.5.2013

B7-0198/14

**Emenda 14**

**Franziska Keller**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**B7-0198/2013**

**David Martin, Vital Moreira**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-ristabiliment tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għas-sistema ta' preferenzi tariffarji  
ġeneralizzati

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Fb (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*Fb. billi sorsi kredibbli qegħdin jakkużaw  
lill-Gvern tal-Burma b'parteċipazzjoni  
attiva f'kampanja ta' tindif etniku u bit-  
twettiq ta' reati kontra l-umanità fil-  
konfront tar-Rohingya, li wassal għal  
segregazzjoni reliġjuża profonda fl-Istat  
ta' Rakhine;*

Or. en

21.5.2013

B7-0198/15

**Emenda 15**

**Franziska Keller**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**David Martin, Vital Moreira**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-ristabiliment tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**B7-0198/2013**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Fc (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*Fc. billi qrib il-130 000 Rohingya huma spustati f'kampijiet u f'żoni oħrajn u ġew miċħuda aċċess għall-għajnuna umanitarja u għal-libertà ta' moviment u għadhom isofru persekuzzjoni persistenti; billi ħafna minnhom huma miżmuma f'żoni suxxettibbli għall-għargħar fejn qed jiffaċċjaw diżastru umanitarju minħabba l-istaġun tax-xita li ġej u t-thedid ta' ċykluni;*

Or. en



21.5.2013

B7-0198/16

**Emenda 16**

**Franziska Keller**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**B7-0198/2013**

**David Martin, Vital Moreira**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-ristabiliment tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Fd (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*Fd. billi sa minn Ġunju għexieren ta' eluf ta' Rohingya ħarbu mill-pajjiż bil-baħar bit-tama li jilħqu l-Bangladexx, il-Malasja jew it-Tajlandja, u billi mijiet tilfu ħajjithom f'dgħajjes mgħarrqa jew li ġew imbuttati lura l-baħar;*

Or. en

21.5.2013

B7-0198/17

**Emenda 17**

**Franziska Keller**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**David Martin, Vital Moreira**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-ristabiliment tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**B7-0198/2013**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Fe (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*Fe. billi skont ir-Regolament Nru 732/2008 l-arranġamenti SĠP jistgħu jiġu rtirati fuq bażi ta' ksur serju u sistematiku tal-prinċipji stipulati f'16-il konvenzjoni ewlenija dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tax-xogħol, abbażi tal-konklużjonijiet tal-korpi ta' monitoraġġ rilevanti; billi l-Mjanmar mhuwiex firmatarju ta' 12 mis-16-il konvenzjoni; billi r-rekord tal-Mjanmar fir-rigward tar-ratifika ta' dawn l-għodod ewlenin hi fost l-aghhar fid-dinja; billi l-UE ma tista' tislet l-ebda konklużjoni tal-korpi ta' monitoraġġ rilevanti għal dawn il-konvenzjonijiet jekk il-Mjanmar mhuwiex firmatarju tagħhom;*

Or. en

21.5.2013

B7-0198/18

**Emenda 18**

**Franziska Keller**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**David Martin, Vital Moreira**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-ristabiliment tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**B7-0198/2013**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Ff (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*Ff. billi fit-2 ta' Mejju 2013, il-President tal-Istati Uniti tal-Amerika, Obama estenda b'sena l-Att dwar l-Emerġenzi Nazzjonali, li jipprojbixxi lill-intrapriżi u lill-individwi mill-Istati Uniti tal-Amerika milli jinvestitu fi, jew iwettqu kummerċ ma' ċittadini tal-Mjanmar li huma involuti fir-repressjoni kontra l-moviment demokratiku sa mid-disgħinijiet; billi fl-ittra tiegħu lill-Kungress tat-2 ta' Mejju 2013, li tispjega d-deċiżjoni tiegħu, il-President Obama ddikjara li "minkejja l-passi 'l quddiem li l-Burma wettaq fl-isforzi ta' riforma tiegħu, is-sitwazzjoni fil-pajjiż għadha tkun ta' thedida mhux normali u straordinarja għas-sigurtà nazzjonali u għall-politika barranija tal-Istati Uniti tal-Amerika";*

Or. en

**Emenda 19****Franziska Keller**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****B7-0198/2013****David Martin, Vital Moreira**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-ristabiliment tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 1***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

1. Jirrikonoxxi l-passi sinifikanti li ttieħdu mill-President Thein Sein u riformaturi oħrajn f'Burma/il-Mjanmar fl-introduzzjoni ta' riformi demokratiċi matul is-sena li għaddiet, li wasslu sabiex il-Kummissjoni tipproponi r-ristabiliment tal-aċċess ta' Burma/il-Mjanmar għall-Iskema ta' Preferenzi Tariffarji Ġeneralizzati (SPĠ); iħeġġiġhom ikomplu b'dan il-proċess bħala kwistjoni ta' urġenza sabiex id-demokratizzazzjoni sħiħa, il-konsolidament tal-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha jsiru kemm permanenti kif ukoll irriversibbli;

1. Jirrikonoxxi l-passi sinifikanti li ttieħdu mill-President Thein Sein u riformaturi oħrajn f'Burma/il-Mjanmar fl-introduzzjoni ta' riformi demokratiċi matul is-sena li għaddiet, li wasslu sabiex il-Kummissjoni tipproponi r-ristabiliment tal-aċċess ta' Burma/il-Mjanmar għall-Iskema ta' Preferenzi Tariffarji Ġeneralizzati (SPĠ); iħeġġiġhom ikomplu b'dan il-proċess bħala kwistjoni ta' urġenza sabiex id-demokratizzazzjoni sħiħa, il-konsolidament tal-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha jsiru kemm permanenti kif ukoll irriversibbli; ***jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jikkunsidraw il-lista ta' kwistjonijiet li ġejja qabel ma jespandu aktar il-parteciċipazzjoni tal-UE mal-Burma:***

***Kwistjonijiet relatati mar-rispett tal-prinċipji ewlenin stipulati fil-konvenzjonijiet NU/ILO elenkati fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament SĠP ((KE)Nru 978/2012)min-naħa tal-awtoritajiet ta' Mjanmar***

***1. Il-ħelsien tal-priġunieri politiki kollha mingħajr dewmien u mingħajr kundizzjonijiet u l-għoti mill-ġdid tad-***

- drittijiet u l-libertajiet kollha tagħhom;*
- 2. Il-passi meħuda biex jintemmu d-diskriminazzjoni, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, il-vjolenza, l-ispustjar u l-privazzjoni ekonomika li taffettwa lill-persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali jew etniċi, reliġjużi jew lingwistiki;*
  - 3. Azzjoni biex jinħoloq titjib sinifikanti fis-sitwazzjoni tal-minoranza ta' Rohingya fl-Istat ta' Rakhine, u t-twettiq ta' investigazzjoni imparzjali fl-atti ta' vjolenza li saru f'Ġunju u Ottubru 2012 u t-tħarrik tal-awturi tar-reat. L-emenda tal-liġijiet u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi/regolatorji li jċaħdu lil Rohingya, inter alia, mid-dritt għar-reġistrazzjoni tat-twelid, il-kapaċità taż-żwieġ, il-libertà ta' moviment u d-dritt għal nazżjonalità, prinċipalment permezz ta' reviżjoni tal-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza tal-1982 b'konformità mal-istandards internazzjonali;*
  - 4. L-għoti tal-aċċess mhux ristrett lin-NU u lil aġenziji umanitarji oħrajn għall-persuni kollha fil-bżonn f'żoni etniċi, inkluż fl-Istati ta' Rakhine u Kachin;*
  - 5. Il-progress tanġibbli fit-taħdidiet ta' paċi mal-gruppi etniċi bl-għan li tintlaħaq soluzzjoni politika dejjiema għall-kunflitti u r-rikonċiljazzjoni nazżjonali;*
  - 6. L-adozzjoni ta' liġi dwar ir-riforma tal-midja, li tippermetti midja libera u indipendenti;*
  - 7. Il-ħarsien tal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, inkluż ir-reviżjoni tal-liġi għal għaqda pubblika b'konformità mal-istandards internazzjonali;*
  - 8. L-iżgurar tas-sigurtà, is-sikurezza u l-libertà tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem biex iwettqu l-attivitajiet tagħhom;*
  - 9. L-implimentazzjoni effikaċi tal-*

*Pjanijiet ta' azzjoni tal-Mjanmar-ILO  
dwar il-qerda tax-xogħol furzat sal-  
2015;*

- 10. It-temma tar-reklutaġġ furzat u l-użu  
tat-tfal mill-forzi armati tal-Mjanmar,  
inklużi l-Forzi tal-Gwardja tal-  
Fruñtieri, u l-implimentazzjoni tal-  
Pjan ta' Azzjoni dwar is-suldati tfal  
iffirmat man-Nazzjonijiet Uniti fl-  
2012*
- 11. Il-passi meħuda għall-ġlieda kontra l-  
konfiska tal-art u l-evizzjonijiet  
furzati, inkluż permezz tat-twaqqif ta'  
leġiżlazzjoni, li tkun tinkludi l-impenji  
biex jiġi evitat l-ispustjar fejn ikun  
possibbli, jiġu evitati l-evizzjonijiet  
furzati, jiġu anitiċipati u evitati l-  
impatti soċjali u ekonomiċi avversi,  
jinhata kumpens għat-telf tal-assi,  
jiġu sistematizzati mill-ġdid il-persuni  
spustjati b'mod adegwat  
b'konsultazzjoni u bil-parteciċipazzjoni  
ta' dawk li ġew spustjati, jitrodd lura u  
jittiejeb l-għajxien mitluf, u jiġu  
pprovduti akkomodazzjoni u sigurtà  
tad-dritt taż-żamma tal-proprjeta  
adegwati ta' dawk spustjati, ir-  
reviżjoni tal-Liġi dwar l-Art Agrikola  
u tal-Liġi dwar il-Ġestjoni tal-Art  
Vakanti, Mistrieħa u Verġni biex  
jipprovdut aċċess għal rimedji  
ġudizzjarji għall-vittmi tal-ħtif tal-art,  
l-iżvilupp ta' proċess xieraq,  
imparzjali, u trasparenti għall-itrattar  
ta' pretensjonijiet għal art u l-  
introduzzjoni ta' proċedura għall-  
għoti ta' titoli fuq l-art li takkomoda  
forom tradizzjonali tad-dritt għaż-  
żamma tal-art u l-użu tal-art;*
- 12. Ir-reviżjoni tal-qafas elettorali  
b'konformità mal-istandards  
internazzjonali;*
- 13. L-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni li  
tistabbilixxi l-Kummissjoni Nazzjonali  
tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Mjanmar  
b'konformità mal-Prinċipji ta' Pariġi;*

Or. en

AM\937064MT.doc

PE509.830v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

21.5.2013

B7-0198/20

**Emenda 20**

**Franziska Keller**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**B7-0198/2013**

**David Martin, Vital Moreira**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-ristabiliment tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 2**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

2. Jappella sabiex id-diskussjonijiet dwar il-paċi mal-gruppi etniċi, speċjalment il-Kachin *jissoktaw* u *jhegġegġ* sabiex tintemm ir-repressjoni kontra r-Rohingya, li *għadhom qed jincahdulhom id-drittijiet taċ*-ċittadinanza;

2. Jappella *għal progress tanġibbli* fit-taħdidiet ta' paċi mal-gruppi etniċi, b'mod partikolari mal-Kachin, *bl-għan li tintlaħaq soluzzjoni politika dejjiema għall-kunflitti u r-rikonċiljazzjoni nazzjonali; jistieden li jkun hemm azzjoni qawwija mill-awtoritajiet għall-protezzjoni tar-Rohingya spustati, mill-abbuż u mill-għargħar, u li jkunu żgurati aċċess għall-għajnuna u l-libertà ta' moviment; jistieden, ukoll it-tmiem tar-ripressjoni kontra r-Rohingya, inkluż permezz tar-reviżjoni tal-liġi dwar iċ-ċittadinanza tal-1982; jistieden lill-awtoritajiet tal-Mjanmar biex jiżguraw li l-awturi tar-reati mwettqa kontra l-poplu Rohingya f'Ġunju u f'Ottubru 2012 jinżammu responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom, u biex jaċċettaw l-istabiliment ta' kummissjoni indipendenti internazzjonali li tinvestiga l-allegazzjonijiet ta' tindif etniku u ta' reati kontra l-umanità fl-Istat ta' Rakhine, biex jinstabu l-vitmmi u biex jinġhata rimedju;*

Or. en



21.5.2013

B7-0198/21

**Emenda 21**

**Franziska Keller**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**David Martin, Vital Moreira**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-ristabiliment tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**B7-0198/2013**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 3**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

3. Jistieden lill-Gvern tal-Mjanmar/Burma jaderixxi għall-prinċipji tal-governanza tajba u jeħles il-priġunieri politiċi li baqa' mingħajr dewmien u kundizzjonijiet; jistieden barra minn hekk lill-Gvern jiżgura r-rispett għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni, għaqda u assoċjazzjoni, u ***jkompli l-kooperazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjonijiet bħall-ILO, sabiex jelimina x-xogħol furzat u jiżgura li l-implimentazzjoni tal-liġijiet relatati mal-organizzazzjonijiet tax-xogħol u l-manifestazzjonijiet u l-għaqdiet paċifiċi tkun konsistenti mal-istandards internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;***

*Emenda*

3. Jistieden lill-Gvern tal-Mjanmar/Burma jaderixxi għall-prinċipji tal-governanza tajba u jeħles il-priġunieri politiċi li baqa' mingħajr dewmien u kundizzjonijiet; jistieden barra minn hekk lill-Gvern jiżgura r-rispett għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni, għaqda u assoċjazzjoni, u ***jiżgura is-sigurtà, is-sikurezza u l-ħelsien tad-drittijiet tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem biex iwettqu l-attivitajiet tagħhom; jenfasizza l-importanza tal-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi l-Kummissjoni Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Mjanmar b'konformità mal-Prinċipji ta' Pariġi;***

Or. en

21.5.2013

B7-0198/22

**Emenda 22**

**Franziska Keller**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**B7-0198/2013**

**David Martin, Vital Moreira**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-ristabiliment tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 3a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***3a. Jistieden lill-Gvern tal-Burma jimplimenta bis-sħiħ il-Pjan ta' Azzjoni Konġunt mal-ILO dwar it-tneħħija tax-xogħol furzat sal-31 ta' Diċembru 2015 u biex ikompli l-kooperazzjoni mill-qrib tiegħu ma' organizzazzjonijiet bħall-ILO, sabiex jelimina din il-prattika u jiżgura li l-implimentazzjoni tal-liġijiet relatati mal-organizzazzjonijiet tax-xogħol u l-manifestazzjonijiet u l-għaqdiet paċifiċi tkun konsistenti mal-istandards internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;***

Or. en

21.5.2013

B7-0198/23

### **Emenda 23**

**Franziska Keller**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**David Martin, Vital Moreira**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-ristabiliment tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**B7-0198/2013**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

#### **Paragrafu 7**

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

7. Jistieden il-Gvern ta' Burma/il-Mjanmar ***jiżgura li*** l-bdiewa u l-komunitajiet ***huma jiġu protetti mill-konfiska tal-artijiet u mill-evizzjonijiet furzati, b'konformità mal-istandards internazzjonali; jinnota t-tħassib*** dwar il-Kostituzzjoni, il-Liġi dwar l-Art Agrikola u l-Liġi dwar il-Ġestjoni tal-Art Vakanti, Mistrieħa u Verġni, li tippermetti lill-gvern jikkonfiska l-art għal kwalunkwe proġett li jemmen li huwa ta' "interess nazzjonali" u tippermettilu jagħmel użu mill-artijiet "vakanti" kollha, li xi wħud minnhom huma okkupati u jipprovdu mezz ta' għajxien għal komunitajiet; jinnota wkoll li negozjanti b'konnessjonijiet tajbin qed ifittxu bil-liġi li jirreġistraw tali artijiet taħt isimhom;

#### *Emenda*

7. Jistieden il-Gvern ta' Burma/il-Mjanmar ***jindirizza l-problema serja tal-ħtif tal-art u t-tkeċċija bil-forza tal-bdiewa u l-komunitajiet; jesprimi t-tħassib*** dwar il-Kostituzzjoni, il-Liġi dwar l-Art Agrikola u l-Liġi dwar il-Ġestjoni tal-Art Vakanti, Mistrieħa u Verġni, li tippermetti lill-gvern jikkonfiska l-art għal kwalunkwe proġett li jemmen li huwa ta' "interess nazzjonali" u tippermettilu jagħmel użu mill-artijiet "vakanti" kollha, li xi wħud minnhom huma okkupati u jipprovdu mezz ta' għajxien għal komunitajiet; ***jitolb reviżjoni taż-żewġ liġijiet b'konformità mal-istandards internazzjonali;*** jinnota wkoll li negozjanti b'konnessjonijiet tajbin qed ifittxu bil-liġi li jirreġistraw tali artijiet taħt isimhom; ***jistieden lill-Gvern tal-Burma/Mjanmar jintroduċi leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet tal-art li tkun konformi mal-istandards internazzjonali;***

Or. en

21.5.2013

B7-0198/24

**Emenda 24**

**Franziska Keller**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**David Martin, Vital Moreira**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-ristabiliment tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**B7-0198/2013**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 17a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**17a. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex fit-tressiq tal-att delegat lill-Parlament u lill-Kunsill dwar it-tkomplija tal-arranġamenti tal-SGP għall-Mjanmar wara l-1 ta' Jannar 2014 skont ir-Regolament (KE) Nru. 978/2012, tinkludi, bħala pre-rekwiżit, rapport akkompanjanti li jixhed in-nuqqas ta' ksur serju u sistematiku tal-prinċipju stipulat fil-konvenzjonijiet elenkati fil-Parti A tal-Anness VIII ta' dak ir-Regolament; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tagħti attenzjoni partikolari lill-kwistjonijiet elenkati f'dak l-anness meta tabbozza r-rapport; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tixpruna lill-awtoritajiet tal-Mjanmar biex jaċċedu għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u għall-konvenzjonijiet dwar id-drittijiet tax-xogħol msemmija fl-anness għar-Regolament SGP;**

Or. en

21.5.2013

B7-0198/25

**Emenda 25**

**Franziska Keller**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**B7-0198/2013**

**David Martin, Vital Moreira**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-ristabiliment tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 18a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***18a. Jistenna li s-SEAE jikkonsulta mal-Parlament u jżommu informat dwar il-proċess tal-ħolqien ta' djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-Burma/Mjanmar;***

Or. en

21.5.2013

B7-0198/26

**Emenda 26**

**Franziska Keller**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**B7-0198/2013**

**David Martin, Vital Moreira**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-ristabiliment tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għas-sistema ta' preferenzi tariffarji  
ġeneralizzati

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 18b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*18b. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa b'mod effikaċi u komprensiv l-effett tad-drittijiet tal-bniedem fuq il-ftehim previst dwar l-investment bilaterali qabel ma tiiformula l-proposta tagħha għal-direttivi ta' negozjar, biex tikkonsulta mill-qrib mal-Parlament u mas-Soċjetà Ċivili tul dan il-proċess;*

Or. en

21.5.2013

B7-0198/27

**Emenda 27**

**Franziska Keller**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**B7-0198/2013**

**David Martin, Vital Moreira**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-ristabiliment tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għas-sistema ta' preferenzi tariffarji  
ġeneralizzati

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 18c (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***18c. Jitlob li element qawwi u tanġibbli  
tas-soċjetà ċivili jiġi nkluż fit-Task Force  
bejn l-UE u l-Burma li għandha titneda  
aktar tard din is-sena;***

Or. en